Dok 48

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

26 Frar 2020

**Onor. Etienne Grech**
**President tal-Kumitat Permanenti**
**dwar l-Affarijiet Soċjali**

**Rapport tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta għall-2019**

Skont l-Artiklu 7 (3) tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515) qiegħed ngħaddilek kopja tar-Rapport Annwali ta' dan il-Kunsill għall-2019.

Kopja ta' dan ir-rapport tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019.

Inselli għalik,

**Claudette Buttigieg**
**Deputy Speaker**

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS
PALAZZO PARISIO, MERCHANTS STREET, VALLETTA, MALTA

# Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2019

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2019.

Matul is-sena konċernata, il-Kunsill Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (CMLA) kien iffurmat kif ġej:

**Iċ-*Ċerpersin* tal-Kunsill**
L-Onor Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ

***Il-Membri tal-Kunsill***
Is-Sur Angelo Grima
Is-Sa Anita Grillo
Mrs Antonella Berry-Brincat
Is-Sur Brandon Azzopardi
Is-Sa Claudia Caruana
Is-Sur Denis Muniglia
Is-Sa Edwidge Borg
Is-Sur Emanuel Camilleri
Id-Dott Josephine Ann Cutajar
Is-Sa Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M Sammut
Is-Sur Shane Delia
Il-Prof Stephen Gatt
Is-Sa Susan Schembri

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

Matul din is-sena saret ukoll bidla fid-direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra Minn Malta, billi Dr Raymond C. Xerri, li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur ta' dan id-Direttorat, kien maħtur Konslu Ġenerali għall-Kanada. Is-Sur John Buttigieg; Direttur għas-Servizzi Konsulari, ingħata r-responsabbiltà għal dan il-qasam biex issa dan ġie msejjaħ Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Kif jitlob l-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, il-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta żamm il-Laqgħa Annwali tiegħu nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 10 u 11 ta' Ottubru 2019. Din

kienet preseduta mill-Onorevoli Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ bħala Ċerpersin tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew il-membri kollha barra s-Sa. Anita Grillo, li kienet skużata.

L-għaxar Laqgħa tal-Kunsill f'Malta saret fis-Sala Borg Olivier fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ nhar il-Ħamis, 10 ta' Ottubru u l-Ħamis, 11 ta' Ottubru 2019.

## 2.0 Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet

Waqt il-laqgħa ġew diskussi diversi temi, il-parti il-kbira minnhom fuq proposti li għamlu l-istess membri tal-Kunsill kemm bħala individwi, kif ukoll bħala grupp. Biex ikunu jistgħu jagħtu r-reazzjoni tagħhom għal uħud mit-temi diskussi ġew mistiedna rappreżentanti minn Identità Malta; il-Bank of Valletta, l-Awtorità tal-Ippjanar, il-Public Broadcasting Services Limited, u Heritage Malta.

Ingħata wkoll rendikont tal-ħidma li saret dwar id-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu fil-Laqgħa Annwali tas-sena ta' qabel (2018), filwaqt li d-Direttur għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ta rapport tal-ħidma tad-Direttorat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

## 3.0 Temi Diskussi

It-temi diskussi kienu jvarjaw minn dawk li jolqtu l-attivitajiet kulturali, l-ilsien Malti, l-karta' tal-identità' u s-servizzi marbuta magħha, l-kontijiet fil-banek sat-twaqqif tal-Kunsilli Reġjonali u r-reviżjoni tal-Att XX tal-2011.

### 3.1 Programm Kulturali

Il-Kunsill talab informazzjoni dwar dak li hu meħtieġ isir biex għaqdiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta jkunu jistgħu jieħdu sehem fi Programmi ta' skambji Kulturali. Wara li r-rappreżentanta tal-Kunsill Malti tal-Arti spjegat il-pożizzjoni tal-Kunsill tagħha, ġie deċiż li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ jgħin bħala intermedjarju bejn il-Kunsill Malti tal-Arti u l-Maltin li jgħixu barra fi sforz biex ikun hemm skambju ta' proġetti kulturali bejn iż-żewġ naħat. Tajjeb wieħed jgħid li waqt is-sessjoni tal-Kunsill dwar dan is-suġġett, ir-rappreżentanta mill-Kunsill Malti tal-Arti sostniet il-punt li artisti Maltin li jgħixu barra minn Malta jistgħu jibbenefikaw minn fondi ntiżi biex jixprunaw l-esportazzjoni tal-prodott artistiku Malti. Mandankollu l-Kunsill żamm il-pożizzjoni tiegħu li mhux qiegħed isir biżżejjed biex il-prodott artistiku ta' artisti Maltin li jgħixu barra minn Malta jingħataw l-ispazju xieraq.

### 3.2 Twaqqif ta' Kumitati Reġjonali

Matul is-sena 2019 sar abbozz ta' linji gwida dwar il-Kunsilli Reġjonali. Wara li dan id-dokument ġie ċċirkolat fost il-membri tal-Kunsill u, wara li saru xi emendi fuq proposti tal-istess membri tal-Kunsill, fl-10 ta' Lulju 2019**,** dan ġie approvat. Madankollu peress li wara l-approvazzjoni tiegħu, kien hemm xi membri li ħassew li kien hemm il-ħtieġa ta' xi emendi oħra,

dan ġie diskuss mill-ġdid fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Billi waħda mill-proposti kienet li dawn il-Kunsilli jibdew jissejħu 'Kumitati reġjonali" minflok "Kunsilli Reġjonali' dan kien jitlob bidla fl-Att XX tal-2011. Fil-fatt deċiżjoni f'dan is-sens se tittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġi emendat dan l-Att.

Il-ħidma biex jitwaqqfu l-ewwel Kunsilli Reġjonali mistennija ssir matul is-sena 2020.

### 3.3 Aġġornament tal-Att XX tal-2011

Matul is-sena 2019 ittieħdu l-ewwel passi biex jiġi attwat l-aġġornament ta' dan l-Att billi nġabru dawk il-proposti li kienu saru xi żmien ilu waqt id-diskussjoni tal-istess Att mill-istess Kunsill, kif ukoll id-diskussjonijiet li kienu saru dwar l-istess materja mal-Avukat Ġenerali tar-Repubblika.

Ġew ippreżentati wkoll żewġ proposti ta' emendi tal-Att preżenti: wieħed mill-eks Direttur għall-Maltin li jgħix Barra minn Malta, Dr Raymond C. Xerri u ieħor mis-Sur John Buttigieg, Direttur għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Waqt diskussjoni intqal li kien importanti li l-enfasi fl-Att ma jibqax biss fuq il-komunitajiet imma wkoll fuq l-individwi, kif ukoll li jitwessgħu l-funzjonijiet u l-iskop tal-Kunsill, fosthom, illi l-funzjonijiet u l-iskopijiet ma jibqgħux iħarsu biss 'il ġewwa, jiġifieri lejn x'tista' tagħmel Malta u l-gvern Malti għad-Dijaspora Maltija, iżda wkoll x'jistgħu jagħmlu ta' fejda dawk il-Maltin imferrxa mad-dinja kollha għal Malta. Il-kunċett huwa aktar wieħed marbut mal-idea ta' ko-responsabbiltà għal dak kollu li hu Malti fid-dinja.

Din ir-reviżjoni trid taħseb għall-isfida tal-futur li tiżgura li l-Kunsill jibqa' wieħed relevanti bil-mod kif jaħdem u jikkomunika dak li jgħid u jrid jasal għalih.

Fil-ħidma biex isir l-aġġornament tal-Att għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem dawk kollha li huma nvoluti fis-settur tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Għandha ssir ukoll stedina lill-Oppożizzjoni biex tati s-sehem tagħha f'dan l-aġġornament.

Dr Luciano Busuttil, advisor fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ ġie mqabbad biex jikkoordina l-ħidma biex isir dan l-aġġornament.

### 3.4 L-Għeluq tal-Uffiċċji tal-Banek Maltin

L-għeluq tal-Uffiċċji rappreżentattivi ta' Banek Maltin, prinċipalment fl-Awstralja u l-Kanada, ħoloq diversi problemi għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta li kellhom xi forma ta' relazzjoni jew kontijiet miftuħa ma' dawn il-Banek.

Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava meta ttieħdet id-deċiżjoni li jingħalqu wkoll il-kontijiet ta' għadd ta' Maltin li kellhom kont attiv ma'dawn l-istess Banek kummerċjali.

Rappreżentant tal-Bank of Valletta (BOV), li ġie mitlub jagħti r-reazzjoni tiegħu għal din is-sitwazzjoni, stqarr li l-Bank kien għalaq dawn il-kontijiet wara ntervent tal-Bank Ċentrali

Ewropew (ECB) li nsista li l-Bank kellu jara li jkollu aktar għarfien tal-klijenti tiegħu u li dawn il-klijenti ried ikollhom konnessjoni diretta ma' Malta.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-BOV; wara li rċieva l-ilmenti tal-Maltin, fosthom il-korrispondenza li għaddiet min-naħa ta' membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta, kien iddeċieda li jerġa' jiftaħ il-kontijiet ta' dawk il-Maltin li twieldu Malta (l-ewwel ġenerazzjoni). Biex dan ikun jista' jsir il-klijent ried jagħmel talba formali bil-miktub lill-Bank.

Din l-informazzjoni ġiet ikkomunikata mmedjatent lill-membri tal-Kunsill u l-midja Maltija fil-pajjiżi kkonċernati.

Ir-Rappreżentant tal-BOV wiegħed ukoll li qed isir minn kollox biex il-klijenti jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-Bank mingħajr dewmien bla bżonn.

**3.4.1** Matul is-sena 2019, id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kien diġà beda jikkorrespondi ma' uffiċjali tal-BOV dwar id-diffikultajiet li Maltin li jgħixu barra minn Malta kienu qed iħabbtu wiċċhom magħhom meta jiġu biex jinqdew dwar problemi relatati mal-kontijiet rispettivi tagħhom. Sfortunatament ftit li xejn sar progress, anzi s-sitwazzjoni kompliet sejra għall-agħar meta l-istess Bank talab lill-klijenti tiegħu biex jaġġornaw id-dettalji tagħhom u fi żmien pjuttost qasir jimlew u jibgħatu l-formoli mibgħuta lilhom relatati mal-Customer Acceptance Policy. Dan ħoloq inċertezza u tbatija l-aktar fost dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta tal-ewwel ġenerazzjoni li ma sabux għand min jirrikorru biex jgħinhom fil-mili ta' dawn il-formoli. Attwalment il-Konsli fl-Awstralja u Toronto (Kanada) irċevew mijiet ta' ilmenti dwar dan. Filwaqt li d-Direttorat ġibed l-attenzjoni tal-Bank dwar din is-sitwazzjoni, dan tal-aħħar ipprovda ndirizz eletroniku (*e-mail address*) fejn il-klijenti setgħu jibgħatu t-talbiet u l-ilmenti tagħhom, filwaqt li wiegħed li min kien ser jagħmillu talba bil-miktub kien ser jingħata estensjoni minnufih. Madanakollu l-ilmenti baqgħu deħlin u sal-lum il-problema tidher li għadha ma ġietx indirizzata kif mixtieq.

**3.5 Reġistrazzjoni tal-Proprjetà**

Problema li jiffaċċjaw xi Maltin li jgħixu barra minn Malta u li għandhom proprjetà' f'Malta, hi li huma jħossu li m'għandhomx mezz kif ikunu jafu jekk ikun ser isir xi żvilupp fuq dik il-proprjetà. Il-kwistjoni ddur madwar il-fatt li dawn il-Maltin li jgħixu barra minn Malta m'għandhomx mezz kif jiġu nfurmati bid-dettalji dan għaliex l-informazzjoni hija aċċessibbli onlajn u min jużaha jeħtieġ li jkollu Karta tal-Identità Maltija jew e-ID.

Waqt diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, xi żmien ilu, kienet saret proposta li jkun hemm sistema ta' reġistrar mal-Awtorità tal-Ippjanar minn dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta għandhom xi interess f'xi proprjetà, biex f'każ ta' xi proposta ra' żvilupp fuq il-proprjetà jew il-viċinanzi tagħha, ikunu nfurmati minnufih. Din is-sistema ma ġiet qatt attivata.

Minkejja diversi diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar jidher li għadha ma nstabitx soluzzjoni għal din il-problema.

F'dan id-dawl, il-Kunsill iddeċieda li ssir insistenza mal-Awtorità tal-Ippjanar biex dak li kien ġie propost jidħol fis-seħħ.

**3.5.1** Il-kwistjoni tal-propjetà kompliet tiġi diskussa bejn id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li jgħixu barra minn Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-fatt f'Ġunju 2019, saret laqgħa bejn iż-żewġ naħat fejn saret referenza għad-diskussjonijiet li kienu saru s-sena ta' qabel dwar l-istess kwistjoni u li fihom kien sar is-suġġeriment tar-reġistrazzjoni tal-porprjetà kif indikat aktar 'il fuq. Għalkemm kien hemm qbil li din kienet l-aħjar soluzzjoni biex ikunu mħarsa l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, sfortunatament din is-sistema ta' notifika baqgħet ma daħlitx fis-seħħ.

Waqt id-diskussjoni ssemmiet il-possibiltà li wieħed juża l-e-ID biex ikun jista' jidħol fis-sit elettroniku tal-Awtorità biex ikun jista' jsegwi kull moviment li jkun qed isir fuq il-proprjetà tiegħu. Madankollu peress li l-Maltin li jgħixu barra mhiniex eliġibbli li japplikaw għall-e-ID billi din hija marbuta mal-Karta tal-Identità Maltija, is-sevizz xorta għadu ma jistax jingħata kif mixtieq.

### 3.6 Aħbarijiet tal-PBS

Id-Dijaspora Maltija, fl-Awstralja, u postijiet oħra jkunu qed jistennew is-servizz tal-aħbarijiet ta' darba fil-ġimgħa provdut mill-Public Broadcasting Services (PBS).

Minbarra li xi drabi dawn l-aħbarijiet ma jaslux fil-ħin, qed tikber ukoll il-problema li billi dawn l-aħbarijiet ikunu bl-ilsien Malti, għadd ta' Maltin, li mhumiex tal-ewwel ġenerazzjoni, ma jkunux jistgħu jifhmu x'ikun qed jingħad.

Proposta diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill kienet dik dwar il-possibiltà' li dawn l-aħbarijiet ikollhom s-sotto-titli bl-Ingliż. Dan bil-għan li l-aħbarijiet ikunu jistgħu jintlaħqu minn firxa wiesgħa ta' Maltin/Awstraljani li ma jafux bil-Malti, u b'hekk jibqa' l-kuntatt tagħhom ma' Malta.

Ir-rappreżentant tal-PBS li attenda l-Laqgħa tal-Kunsill wiegħed li din il-proposta kienet se tingħata konsiderazzjoni.

**3.6.1** Attwalment matul is-sena 2019, qabel ma' tlaqqa' l-Kunsill, kienu diġà saru kuntatti permezz ta' korrispondenza mal-PBS dwar din il-materja. Fil-fatt il-PBS kien informa lid-Direttorat konċernat li kien konxju tal-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward, u kienu diġà saru kuntatti mal-Università ta' Malta biex issir ħidma biex ċerti produzzjonijiet tal-PBS ikunu aċċessibbli bis-sotto-titli fil-lingwa Ingliża.

Il-PBS għamel l-ewwel pass billi pprovda l-ewwel sett ta' produzzjonijiet kompluti bis-sotto-titli bl-Ingliż. Il-produzzjonijiet jikkonsisti fid-dokumentarju *Culhat ghal Belt* li jitratta l-istorja tas-Sette Gugnio. Ġie mwiegħed ukoll li l-PBS għandu pjanat li jżid il-produzzjonijiet ta' dokumentarji bis-sotto-titli fi żmien qasir.

Il-PBS ta wkoll il-permess meħtieġ biex dawn id-dokumentarji jkun jistgħu jintniżżlu (*downloaded*) bla ħlas għall-użu tal-Mużew Malti f'Mormwell fl-Awstralja. Dan wassal biex il-PBS tibda tikkunsidra proġett li jwassal biex l-arkivji tagħha "Malta Audio Visual Memories" ikunu ntegrati f'dan il-Mużew. Il-Kunsill jemmen li dawn it-tip ta' proġetti għandhom jiżdiedu

minħabba l-valur miżjud tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma tixrid tal-kultura, u l-isem ta' Malta fid-dinja.

### 3.7 Reġistrazzjoni ta' nies prominenti

L-Att XX tal-2011 jaħseb għat-twaqqif ta' Reġistru ta' Maltin Prominenti li jgħixu barra minn Malta.

Wara diskussjonijiet fit-tul, fejn ġie ukoll ikkonsultat il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, saret il-formola meħtieġa għal dawk li jixtiequ japplikaw. Din il-formola fil-fatt diġà tinsab onlajn fuq s-sit elettroniku tal-Ministeru u kulmin hu nteressat jista' jimliha u jibgħata d-Direttorat kkonċernat. Fil-fatt numru ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta, diġà għamlu użu minn din il-formola.

Madanakollu, waqt l-aħħar Laqgħa tal-Kunsill, xi membri ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li kif inhi formulata l-applikazzjoni ma tagħtix ċans lil dawk il-Maltin li m'għandhomx passaport Malti biex japplikaw ħalli jiġu nklużi f'dan ir-reġistru. Għalhekk sar suġġeriment biex din il-formula tiġi emendata.

Wara diskussjoni, fejn fost affarijiet oħra tqajmet il-problema li jekk il-ħtieġa ta' ċittadinanza Maltija titneħħa bħala kriterju ta' eliġibilità biex wieħed jimla' din l-applikazzjoni, dan iwassal biex persuni li mhumiex Maltin ikun jistgħu japplikaw. F'dan isens il-Kunsill iddeċieda li l-applikazzjonijiet ta' dawk il-Maltin li ma jkollhomx ċittadinanza Maltija jkunu aċċettati sakemm dawn ikollhom ir-rakkomandazzjoni ta' xi membru tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta. Dan biex ikun żgurat li dawk li applikaw ikunu ta' dixxendenza Maltija.

### 3.8 Karta tal-Identità

Ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta u li m'għandhomx Karta tal-Identità Maltija ma jistgħux jidħlu fil-portal tal-Gvern – mygov.mt li jagħtihom aċċess għal ħafna informazzjoni kif ukoll servizzi offruti mid-diversi dipartimenti u entitajiet governattivi Maltin.

Il-membri tal-Kunsill iħossu li dan qed ċaħħadhom minn servizzi essenzjali għalihom. Għalhekk saret proposta biex jinstab mezz kif din il-problema tiġi solvuta.

Rappreżentanti mill-Aġenzija Identità Malta, li attendew għal din il-Laqgħa, sostnew li biex wieħed jingħata Karta tal-Identità Maltija, li tagħti aċċess għas-servizzi tal-gvern onlajn, irid qabel xejn ikollu indirizz ta' residenza f'Malta.

Huma spjegaw li filwaqt li ser jikkunsidraw bis-serjetà din it-talba, kif inhi s-sistema bħalissa ma taħsibx għal dan is-servizz mingħajr l-użu/il-pussess ta' Karta tal-Identità Maltija. Jekk il-Gvern jiddeċiedi li jsir xi tip ta' arranġament biex il-Maltin ta' barra jkunu jistgħu jaċċessaw dan is-sit, ikun irid isir studju tekniku dwar kif is-servizz ikun jista' jingħata mingħajr il-ħtieġa ta' Karta tal-Identità. L-Aġenzija kompliet li minkejja li tista tinstab soluzzjoni teknika, wieħed irrid ukoll jikkonsidra l-fattur ekonomiku biex din is-soluzzjoni tkun tista' tiġi implimentata.

## 3.9 Ċittadinanza Maltija

Tema oħra diskussa waqt il-Laqgħa Annwali kienet dik relatata mad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom uħud mid-dixxendenti ta' Maltin, (il-biċċa l-kbira dawk li twieldu f'pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq), meta jiġu biex japplikaw għaċ-ċittadinanza Maltija minħabba problemi relatati man-nuqqas ta' dokumenti uffiċjali meħtieġa biex japplikaw għaċ-ċittadinanza.

Diffikultà oħra li tqajmet hija dik li l-Aġenzija Identità Malta m'għadhiex taċċetta applikazzjonijiet b'ilsna oħra barra l-Malti u l-Ingliż (speċifikament bil-Franċiż u mhux biss). Għalhekk applikanti bħal dawn qed jidħlu f'ħafna spejjeż ta' traduzzjoni.

Rappreżentanti tal-Aġenzija Identità Malta stqarrew li l-bażi tal-għoti taċ-ċittadinanza fejn jidħlu d-dixxendenti tal-Maltin, hija li jkun hemm rabta' (*link*) bejn l-applikant u l-antenati Maltin tiegħu/tagħha. Jekk din ir-rabta tkun nieqsa, anke b'ġenerazzjoni waħda, dak li jkun jitlef id-dritt għaċ-ċittadinanza Maltija.

Dwar il-kwistjoni tal-lingwa, ntqal li din hija kwistjoni amministrattiva u allura trid tiġi diskussa fuq livell amministrattiv. F'dan ir-rigward l-Aġenzija Identità Malta se tikkonsidra kwistjoni tal-lingwa każ b'każ billi anki tieħu f'konsiderazzjoni d-dokumenti mhux uffiċjali (dawk mhux maħruġa mill-iStat) tad-dixxendenza individwalment.

**2.9.1** Sadanittant matul is-sena 2019 saru laqgħat ma' l-Aġenzija Identità Malta fejn ġejna nfurmati li fejn ikun hemm diffikultà biex jinstabu dokumenti uffiċjali għall-finijiet ta' applikazzjoni għall-ċittadinanza (fost l-oħrajn), kienu qed jaċċettaw ċertifikati tat-twelid/żwieġ/mewt maħruġa minn entitatjiet reliġjużi bħal dawk tal-Knisja, tal-Moskeji eċċ.

F'din il-kwistjoni nġibdet ukoll l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm ko-operazzjoni mal-Ambaxxati ta' Malta, fl-Eġittu u t-Tuneżija u l-Konslu Ġenerali tal-Alġerija.

L-Aġenzija Identità Malta ġiet mitluba wkoll biex meta jkunu se jsiru xi emendi fil-Liġi taċ-Ċittadinanza, il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta jiġi kkonsultat.

Saret ukoll referenza għal dawk li jissejħu l-"Ġenerazzjoni Maltija" li huma dixxendenti ta' Maltin li l-antenati tagħhom b'xi mod jew kienu meħuda f'pajjiżi barranin (minħabba gwerer, internament, eċċ).

## 3.10 Il-Ħames Konvenzjoni

L-Att XX tal-2011 jeżiġi li kull ħames snin tissejjaħ Konvenzjoni għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

L-ewwel Konvenzjoni għad-Diaspora Maltija kienet saret 2010 u kienet b'riżultat ta' dak li kien ġie diskuss fil-Parlament Malti u approvat fl-Att XX tal-2011.

Matul din is-sena (2020), jmiss li ssir il-Ħames Konvenzjoni għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta.

Ġie kkonfermat li din il-Konvenzjoni ser ssir bejn il-5 u t-8 ta' Ottubru 2020. Attwalment il-laqgħat formali ser isiru fis-6 u s-7 ta'Ottubru 2020, filwaqt li fil-5 u t-8 ta' Ottubru 2020 ser issir il-laqgħa Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Il-Konvenzjoni se ikollha bħala tema *"Keeping Connected"* u għall-ewwel darba qed jiġi enfasizzat l-aspett ta' *workshops* fejn il-parteċipanti jkunu jistgħu jiddiskutu, iressqu ideat u suġġerimenti, u mhux isiru diskorsi twal li għalkemm għandhom il-valur tagħhom, m'għandhomx jiddominaw is-sessjonijiet tal-Konvenzjoni.

Matul is-sena 2019 bdew it-tħejjiet għal din il-Konvenzjoni. Saru diversi suġġerimenti mill-membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta dwar din il-materja. Il-membri tal-Kunsill ġew imħeġġa biex jinkoraġġixxu kemm jista' jkun Maltin li jgħixu barra sabiex jieħdu sehem f'din il-konvenzjoni.

### 3.11 Ġenerazzjoni Żagħżugħa

Waħda mill-akbar sfidi li għandna quddiemna hija kif il-Kunsill ser jirnexxielu jilħaq it-tieni, it-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta, billi n-numru ta' dawk tal-ewwel ġenerazzjoni f'ċertu pajjiżi, fosthom l-Awstralja, l-iStati Uniti u l-Kanada, qiegħed kulma jmur jonqos. Fil-fatt dan qed jinħass ukoll fost d-diversi għaqdiet u organizzazzjonijiet li hemm f'dawn il-pajjiżi, li saħansitra wassal biex xi għaqdiet tal-Maltin kellhom ixolju.

Wieħed mill-ewwel passi li ttieħdu f'dan ir-rigward kien, li meta fl-2018 saret il-ħatra ta' 12-il membru ġdid tal-Kunsill, għall-ewwel darba nħatru bħala membri tal-Kunsill persuni tat-tieni ġenerazzjoni.

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' din is-sena saret diskussjoni twila fuq din il-materja fejn issemmew diversi proposti.

Fuq quddiem kienet dik li fid-dinja tal-lum, jekk wieħed ried jilħaq liż-żgħażagħ, u anke dawk li ma humiex daqshekk żgħażagħ, huwa mportanti li jintużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni moderni fosthom il-midja soċjali (siti elettroniċi, facebook, eċċ).

Għalkemm il-kwistjoni tas-sit elettroniku tal-Kunsill ġiet diskussa diversi drabi matul is-snin u sar zvilupp żgħir dawarha dan mhuwiex biżżejjed. Fil-fatt inħass il-bżonn li jsir sforz akbar u aktar professjonali biex ikun hemm pjattaforma diġitali kollha kemm hi ddedikata għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

L-iskop prinċipali tal-sit elettroniku u l-midja soċjali huwa li tinġabar l-informazzjoni kollha utli għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta fuq pjattaforma waħda, li jkollha wkoll aċċess għall-iskambji ta' ideat u informazzjoni li jolqtu mill-viċin il-livelli differenti tad-Dijaspora Maltija b'sezzjonijiet varji li jinkludu l-kultura, l-isports, l-arti, eċċ, kif ukoll links mad-diversi entitajiet u servizzi governattivi. Meta din il-pjattaforma sseħħ inkunu għamilna qabża kbira 'l quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mal-oġġettivi li l-Kunsill għandu fi ħsiebu għad-Dijaspora Maltija tal-futur.

Filwaqt li kien hemm qbil li tiġi żviluppata website professjonali, għalissa u jekk ma jkunx hemm problemi tekniċi l-informazzjoni se tkompli tagħmel parti mis-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

Għandha tittieħed f'konsiderazzjoni wkoll li jsir użu mid-diversi programmi tal-Midja Soċjali bħala ma huma l-Facebook, Twitter, eċċ.

It-twaqqif u t-tħaddim tas-sit elettroniku flimkien mal-paġni fuq il-midja soċjali jibqa suġġett għall-approvazzjonijiet meħtieġa, u li d-Direttorat ikkonċernat ikun allokat l-uffiċjali meħtieġa biex jiddedikaw ħinhom għal dan il-qasam.

### 3.12 Pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-Malti

It-tagħlim tal-ilsien Malti huwa meqjus bħala mezz iimportanti biex it-tieni, it-tielet u r-raba' ġenerazzjoni tad-dixxendenti Maltin iżommu r-rabta' tagħhom ma' Malta. Kien għalhekk li żmien ilu kienu twaqqfu skejjel, jew aħjar klassijiet fejn kien jiġi, u għadu jiġi mgħallem l-ilsien Malti. F'ċerti pajjiżi, prinċipalment fl-Awstralja l-Gvern jagħti l-kontribut tiegħu biex jiġi mgħallem il-Malti billi joffri servizz limitat biex isir dan. Dan is-servizz huwa offrut għal dawk l-istudenti li huma tal-eta' tal-edukazzjoni obbligatorja (Primarja u Sekondarja). Xi soċjetajiet Maltin imbagħad joffru t-tagħlim tal-Malti għal dawk li huma adulti.

F'dawn l-aħħar snin l-'iskejjel' tal-ilsien Malti f'diversi pajjiżi, fosthom fl-Awstralja, kienu u għadhom qed isibu diffikultajiet kbar biex isibu għalliem tal-ilsien Malti. Minkejja li saru diversi sejħiet hawn Malta biex għalliema Maltin imorru għal xi żmien jgħallmu f'dawn l-iskejjel, ir-rispons kien negattiv għax ħadd ma applika.

Biex tiġi solvuta, tal-inqas parzjalment din il-problema sar suġġeriment li titwaqqaf pjattaforma diġitali tat-tagħlim tal-ilsien Malti biex permezz tagħha dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta jkunu jistgħu jitgħallmu l-ilsien Malti.

Attwalment is-suġġeriment ta' pjattaforma diġitali tal-ilsien Malti kien diskuss mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi, li min-naħa tiegħu beda bir-riċerki prelimnari biex ikun identifikat x'hemm bżonn isir, kemm ser tkun l-ispiża u kemm huma meħtieġa uffiċjali biex jaħdmu fuq l-istadju ta' preparazzjoni.

Skont kif irrapporta ir-rappreżentant mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill, ix-xogħol ta' evalwazzjoni tlesta u hemm ukoll il-flus allokati mill-fondi tal-UE, dawn se jkunu miżjuda b'donazzjoni mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej. Wara l-fażi ta' preparazzjoni issa jmiss li tinħareġ sejħa għall-offerti biex din il-pjattaforma diġitali tiġi ddisinjata u tkun tista' tibda tintuża.

Jekk kollox jimxi kif pjanat, huwa mistenni li din l-offerta tiġi kkonfermata matul is-sena 2020.

**3.12.1** Matul l-2019 komplew il-kuntatti bejn id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u d-Direttorat Ġenerali tal-Kurrikulu, Tagħlim għall-ħajja u

Impjegabbiltà fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjiegi, dwar il-pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-Malti.

Id-Direttorat ikkonċernat ġie nfurmat li sar ħafna xogħol fuq din il-pjattaforma u saħansitra saru stimi tal-fondi biex din il-pjattaforma titħaddem, kif ukoll li instabu r-riżorsi umani meħtieġa. Barra minn hekk kien ikkonfermat li kienu ġew allokati fondi mill-Unjoni Ewropea għal dan il-proġett l-Unjoni Ewropea filwawt li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej wiegħed li ser jalloka xi fondi għal dan il-Proġett.

### 3.13 Materji oħra

Materji oħra diskussi waqt il-laqgħa kienu:

**3.13.1 Il-passaport Kuturali ta' Heritage Malta:** Membri tal-Kunsill wrew ix-xewqa li anzjani Maltin li jgħixu barra minn Malta jingħataw il-faċilita' li jakkwistaw il-passaport Kulturali ta' Heritage Malta li permezz tiegħu, meta jkunu Malta, ikunu jistgħu jżuru l-mużewijiet u siti oħra li jaqgħu taħt Heritage Malta bla ħlas.

Ir-Rappreżentanta ta' Heritage Malta informat lill-Kunsill li biex wieħed ikun jista' jakkwista dan il-passaport irid ikollu indirizz residenzjali f'Malta, madankollu ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta, meta jżuru Malta, jistgħu japplikaw għal dan il-passaport billi jagħmlu użu minn indirizz residenzjali ta' xi qraba tagħhom.

Madanakollu Heritage Malta ser tistħarreġ jekk tistax tintuża xi sistema oħra li permezz tagħha ttejjeb il-proċess biex jinħareġ dan il-passaport għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta li jikkwalifikaw għal dan il-passaport, qabel ma dawn jaslu Malta. Tajjeb wieħed jgħid li jekk l-Aġenzija Identity Malta ssolvi l-problema tal-e-ID għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, dawn ikunu jistgħu japplikaw onlajn għal dan is-servizz direttament.

**3.13.1.1** Id-diskussjoni dwar dan il-passaport ma' Heritage Malta u l-Aġenzija Identity Malta bdew xhur qabel ma saret l-Għaxar Laqgħa tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta. Dan billi kienet saret talba, minn xi membri tal-Kunsill dwar il-possibbiltà li jiksbu dan il-passaport mill-Uffiċċji Konsulari billi jużaw il-passaport tagħhom minflok il-Karta tal-Identità. It-tweġiba kienet li dan ma kienx possibbli permess li l-iskema kienet titlob speċifikament li dan joħroġ fuq talba u preżentazzjoni tal-Karta' tal-Identità Maltija fil-Kunsilli Lokali fejn wieħed joqgħod. L-awtortiajiet ta' Heritage Malta żiedu jinfurmaw li kieku kellha tingħata konċessjoni lill-Maltin li Jgħixu barra minn Malta din l-iskema kien ikollha tiġi estiża wkoll u b'mod awtomatiku għall-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

**3.13.2 Exodus Wall Memorial**: Ġie propost li biex jitfakkru l-Maltin li ħallew Malta biex ifittxu futur f'pajjiżi barranin matul is-snin, jitwaqqaf dak li qed jisejjaħ "Exodus Wall". Dan jikkonsisti fi spazju fejn wieħed ikun jista' jniżżel l-isem tal-emigrant, is-sena tat-tluq, id-destinizzjoni u dettalji oħra. Dan isir bi ħlas. Ħitan bħal dawn huma popolari ħafna f'postijiet tal-wasla tal-emigranti, speċjalment fl-Awstralja.

Sar qbil li din il-proposta tiġi kkunsidrata.

**3.13.3 Programm ta' żjarat**: Suġġeriment ieħor kien li ċittadini żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta jingħataw l-opportunità li jżuru l-Gżejjer Maltin biex isiru jafu dwar l-għeruq tagħhom. Dan isir billi dawn iż-żgħażagħ jingħataw il-possibbiltà li bħala gruppi jagħmlu żjara ta' ġimgħa fil-Gżejjer Maltin fejn jingħataw tagħrif dwar Malta, kif ukoll iżuru diversi postijiet u jattendu għal xi attivitajiet li permezz tagħhom isiru jafu aktar dwar il-kultura, drawwiet, tradizzjonijiet kif ukoll x'opportunitajiet toffri Malta fl-oqsma tal-edukazzjoni u tax-xogħol fost l-oħrajn.

**3.13.4 Nuqqas ta' membri tal-kleru:** Problema li qed iħabbtu wiċċhom magħha xi kommunitajiet Maltin, huwa n-nuqqas ta' membri tal-kleru Maltin biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet reliġjużi u anke soċjali tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, speċjalment dawk anzjani li jfittxu saċerdot li ġej minn art twelidhom.

Minkejja d-diversi appelli jidher li s-sitwazzjoni baqgħet sejra għall-agħar. Wieħed jifhem li llum saret problema biex jinstab membru tal-kleru li jkun lest servi fost komunitajiet Maltin barra minn Malta, anki minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti li hawn fil-Gżejjer Maltin.

F'dan il-kuntest kien deċiż li d-Direttorat ikkonċernat jikkuntattja l-Awtoritajiet ekkleżjastiċi tal-Arċidjoċesi ta' Malta biex tkun mistħarrġa din il-problema. Attwalment waħda mill-membri tal-Kunsill kellha laqgħa mal-Arċisqof E.T. Mons. Charles J Scicluna fejn iddiskutiet miegħu din il-problema. Wara din il-laqgħa il-Kurja ħarġet sejħa lill-membri tal-Kleru fejn fiha stiednet lill-dawk interessati li jservu fl-Awstralja għal perjod ta' sitt xhur biex jagħmlu kuntatt mal-Arċisqof.

**3.13.5** Tibdil fil-Kostituzzjoni: Il-membri ġew mitluba biex jekk jixtiequ jgħaddu kemm jista' jkun malajr suġġerimenti dwar xi emendi li xtaqu jaraw fil-Kostituzzjoni ta' Malta biex dawn jingħaddu lill-l-E.T. Il-President ta' Malta, Dr George Vella għall-kunsiderazzjoni ta' dawk li ser jieħdu ħsieb dan it-tibdil fil-Kostituzzjoni.

## 4.0 Ħidmiet oħra matul is-sena 2019

### 4.1 Diaspora Co-ordinators

Biex titwettaq id-deċiżjoni tal-Kabinett (Memo 132/XIII/17) li jitlob li l-Ministeri u entitajiet oħra tal-Gvern jinnominaw uffiċjali biex jservu bħala ko-ordinaturi f'materji li jolqtu d-Diaspora Maltija, saret lista ta' dawn l-uffiċjali.

Matul is-sena 2019 saru żewġ laqgħat għal dawn l-uffiċjali. Waqt dawn il-laqgħat ġie diskuss r-rwol ta' dawn il-ko-ordinaturi, kif ukoll kif huma jistgħu jgħinu lid-Direttorat għas-Servizzi

Konsulari u għall-Maltin li Jgħixu Barra f'materji li jolqtu direttament jew indirettament id-Diaspora Maltija.

Ikun apprezzat jekk dawn il-ko-ordinaturi juru aktar impenn f'din il-materja.

**4.2 Ċittadinanza Maltija**

Fil-Laqgħa Annwali tal-2017 kienet tqajjmet il-kwistjoni dwar x'għandu jsir biex ulied u ulied ulied emigranti Maltin li, forsi qatt ma jkunu rifsu f'Malta, u jitolbu u jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija jkollhom tal-inqas ftit tagħrif kemm storiku, kemm kulturali, eċċ dwar il-Gżejjer Maltin.

Għal dan l-iskop id-Direttorat Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kien ipprepara ktejjeb b'din l-informazzjoni. Ma' din l-informazzjoni mistenni li jiżdied ukoll tagħrif dwar għaqdiet Maltin li hemm fil-pajjiż/stat minn fejn ikunu ġejjin dawk i jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija.

Dan il-ktejjeb imbagħad jingħata lil dawk li jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija, preferibbilment waqt ċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati taċ-ċittadinanza.

Membri tal-Kunsill ġew mitluba li jirrevedi dan il-ktejjeb qabel ma jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġi stampat.

**5.0 Matul is-sena**

Matul is-sena ssir ħafna ħidma mill-membri tal-Kunsill fejn dawn ikomplu bix-xogħol li jkun inbeda waqt il-laqgħa tal-Kunsill f'Malta. Permezz tal-kommunikazzjoni elettronika jsiru wkoll diskussjonijiet mill-membri dwar dawk il-materji li jħossu li huma mportanti li għandhom jiġu diskussi fil-Laqgħa Annwali li jmiss, kif ukoll dwar materji li tkun trid titieħed azzjoni immedjata dwarhom min-naħa tas-Segretarju tas-CMLA u d-Direttur tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

**6.0 Laqgħat**

**6.1** Matul is-sena saru diversi laqgħat bejn is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fejn ġiet ikkordinata il-ħidma li kienet meħtieġa ssir fl-interess tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta. Saru wkoll laqgħat u kuntatti regolari ma' membri oħra tal-Ministeru Għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-

Kummerċ u l-Onor Ministru tal-istess Ministeru, kemm bħala Ministru, kif ukoll iċ-ċerpersin tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Saru wkoll diversi laqgħat ma entitajiet tal-Gvern u entitajiet oħra (kif imsemmi aktar il fuq) prinċipalment mid-Direttur tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.